24 ta' Ottubru, 1955

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Fenech *versus* Salvatore Debono

**Bejgħ — Permuta — Prezz — Art. 1402 (1) u (2), u 1567 (1) tal-Kodiċi Ċivili**

*Mingħajr prezz ma hemmx vendita; u ma jistax jingħad li hu prezz dak li ma jirrivestix, flimkien maż-żewġ kondizzjonijiet l-oħra, li*

*jkun veru u ċert, il-kondizzjoni li jkun jikkonsisti fi flus. Xejn ma jimporta jekk ix-xerrej jobbliga ruħu li jagħti xi ħaġa in natura bħala supplement tal-prezz; imma jeħtieġ li tiġi mifthema somma ta' flus, u li dik ix-xi ħaġa in natura tiġi mogħtija bħala żieda ma' dik is-somma ta' flus mifthema li x-xerrej jobbliga ruħu li jħallas.*

*Lanqas ma jimporta jekk in segwitu jsir ftehim li l-kumpratur ikun jista' jħallas b'derrati jew oġġetti oħra, purkè oriġinarjament il-prezz ikun ġie fissat in kontanti. L-istess jingħand għall-każ meta l-venditur jirċievi "datio in solutum".*

*Iżda l-prezz għandu jiġi fil-bidu fissat fi flus. Mhux biżżejjed li jiġi apprezzat l-oġġett, imma hemm bżonn li l-ftehim ikun li l-prezz jitħallas bi flus. U meta l-prezz jiġi fissat fi flus flimkien ma' oġġetti oħra, in-natura tal-kuntratt tiġi determinata skond l-importanza rispettiva tal-flus u tal-ħwejjeġ l-oħra; u l-kuntratt ikun vendita jekk il-parti preponderanti tkun flus, u jkun permuta jekk il-ħwejjeġ l-oħra jkollhom importanza akbar. U difatti l-prezz jikkostitwixxi d-differenza speċifika bejn il-vendita u l-permuta u kull kuntratt ieħor innominat li jkollu bħala oġġett it-trasferiment ta' ħaġa bi prestazzjoni diversa minn flus.*

*Il-kuntratt ta' permuta lanqas jiġi nieqes bl-apprezzament preventiv tal-ħwejjeġ permutati indikati fil-kuntratt. L-istess apprezzament preventiv ma jittrasformax f'vendita l-permuta.*

*Konvenzjoni li biha jsir ftehim fis-sens li parti waħda għandha tagħti oġġetti bħala korrispettiv ta' kwantità ta' oġġetti oħra sal-valur ta' l-oġġetti li dik il-parti għandha tagħti, u bil-valur li dik il-parti għandha tirċievi, ma jintitolax lil dik il-parti li taġixxi biex titħallas bi flus kontanti tal-valur ta' l-oġġetti li hija tkun ikkonsenjat. Għax konvenzjoni simili mhix operazzjoni ta' bejgħ.*

Il-Qorti; — Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu £112, prezz ta' 70 siġġu li huwa biegħ u kkonsenja lill-istess konvenut; bl-imgħax kummerċjali, u bl-ispejjek, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Ottubru, 1954;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottomatta, l-ewwelnett, illi l-prezz tas-siġġijiet kien ta' £108, u

mhux ta' £112; imbagħad, li l-kontendenti ftehmu li l-valur tas-siġġijiet jitħallas, mhux in kontanti, imma permezz ta' forn:turi ta' żrar u ramel da parti tal-konvenut;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 1955, li biha ġiet respinta t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, salv favur l-istess attur kull dritt ieħor skond il-liġi; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut xehed li kellu bżonn siġġijiet, u għalhekk mar ma' ibnu, Joseph Debono, għand l-attur biex jixtrihom. L-attur urieħ partita ta' siġġijiet, u għoġbuħ, imma ma kellux bżonn ta' tant, u kwindi qal lill-attur li ried biss 24 minnhom; iżda l-attur ipperswadieħ jeħodhom kollha, billi qallu biex, minflok iħallas il-prezz bi flus, jagħtieħ żrar u ramel; u l-konvenut aċċetta l-offerta tal-attur, u ħa l-partita kollha ta' 73 siġġu, li minnhom bagħat lura tlieta għaliex kienu bil-ħsara, wara illi l-istess siġġijiet ġew apprezzati;

F'dan il-punt qiswa li jiġi rilevat illi l-attur kien soltu jixtri żrar u ramel mingħand il-konvenut bil-prezz ta' £2 għal kull truck ta' erbgħa jardi; u invers, dak inħar stess li l-konvenut mar biex jixtri l-24 siġġu kellu jieħu £20 mingħand l-attur, prezz ta' żrar u ramel; u difatti, meta daħal fl-istabbiliment ta' l-attur, dana staqsieħ jekk kienx mar biex jitħallas;

Illi x-xhieda tal-konvenut hija sostnuta b'dik ta' l-imsemmi ibnu Joseph Debono;

Illi l-attur jinnega li sar il-ftehim pretiż mill-konvenut; xehed li ma qalx lill-konvenut biex iħallas il-prezz bi provvista ta' ramel; ammetta biss li qallu biex mill-prezz tas-siġġijiet inaqqas l-£20 fuq riferiti — ħaġa, del resto, li ma kienx hemm bżonn li jgħidlu;

Illi, però ma hemm l-ebda raġuni biex tiġi milqugħa x-xhieda ta' l-attur u skartata dik tal-konvenut sostnuta bix-xhieda ta' l-imsemmi ibnu, speċjalment meta jirriżultaw ċirkustanzi li, flimkien max-xhieda ta' iben il-konvenut, jikkontribwixxu biex isostnu x-xhieda ta' l-attur, li kwindi għandha tiġi milqugħa. U difatti, dak iż-żmien l-attur kien qiegħed

jixtri żrar u ramel mingħand il-konvenut, u ikien fadallu bżonn ta' dak il-materjal ......;

Illi konvenzjoni simili mhix vendita, għaliex vendita ma hemmx mingħajr prezz, u ma jistax jingħad li hu prezz dak li ma jkunx jirriversti, flimkien maż-żewġ kondizzjonijiet l-oħra, li jkun veru u ċert, il-kondizzjoni li jkun jikkonsisti fi flus — "praetium in numerata paecunia consistere debet" — Inst. "de emptione et venditione", fr. 2. Ma jimporta xejn jekk ix-xerrej jobliga ruħu li jagħti xi ħaġa in natura bħala supplement mal-prezz; imma jeħtieġ li tiġi mifthema somma ta' flus, u li dik ix-xi ħaġa in natura tiġi mogħtija bħala żieda ma' dik is-somma ta' flus mifthema li x-xerrej jobliga ruħu jħallas. Dana tgħidu l-istess liġi fl-art. 1402(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili, fejn jingħad: "Il-prezz għandu jikkonsisti fi flus; madankollu, il-kuntratt jibqa' ta' bejgħ jekk, mas-somma ta' flus mifthema, ix-xerrej jobliga ruħu li jagħti xi ħaġa in natura bħala żieda mal-prezz". Lanqas ma jimporta jekk in segwitu jsir ftehim li l-kumpratur ikun jista' jħallas b'derrati jew oġġetti oħra, purkè oriġinarjament il-prezz ikun ġie fissat in kontanti; u dan għaliex in-natura tal-kuntratt tkun, f'dan il-każ, ġiet fissata mill-kunsens oriġinarjament prestat; u hu risaput li l-kuntratt ma jbiddelx il-karattru tiegħu minħabba l-mod ta' l-eżekuzzjoni. L-istess jingħad għall-każ meta l-venditur jirċievi "datio in solutum";

Iżda l-prezz għandu jiġi fil-bidu fissat fi flus; mhux biżżejjed li jiġi apprezzat l-oġġett, imma hemm bżonn li l-ftehim ikun li l-prezz jitħallas fi flus; u meta l-prezz jiġi fissat fi flus flimkien ma' ħwejjeġ oħra, in-natura tal-kuntratt tiġi determinata skond l-importanza rispettiva tal-flus u tal-ħwejjeġ l-oħra; u l-kuntratt ikun vendita jekk il-parti preponderanti tkun flus, u jkun permuta jekk il-ħwejjeġ l-oħra jkollhom importanza aktar. U difatti, kif jgħidu l-iskritturi, il-prezz jikkostitwixxi d-differenza speċifika bejn il-vendita u l-permuta u kull kuntratt ieħor innominat li jkollu bħala obbjett tiegħu t-trasferiment tal-proprjetà ta' ħaġa bi prestazzjoni diversa minn flus;

Xi skritturi, bħal Troplong, jikkunsidraw il-kuntratt bħala vendita anki meta l-prezz jitħallas b'ċerti prestazzjonijiet

ekwivalenti, bħal ma huma *l-alloġġ* u *l-alimentazzjoni tal-venditur*. Hekk ġie wkoll ripetutament ġudikat mit-tribunali franċiżi, billi l-prestazzjoni ta' l-alimenti in natura ġiet assimilata għal rendita vitalizja kostitwita fi flus. Iżda anki l-istess Troplong jgħid illi rigorożament għandu jingħad li konvenzjoni simili hija kuntratt innominat; u l-iskritturi li hekk jirritjenuha jgħidu illi l-imsemmija deċiżjonijiet huma kuntrarji għar-rigur tal-prinċipju illi l-obligazzjoni kontratta mill-kumpratur, f'dan il-każ, hija obligazzjoni "di fare", u kwindi ma hemmx prezz; u l-kuntratt hu għaldaqstant innominat, billi, kif huma jgħidu, jekk il-prezz ma jkunx jikkonsisti fi flus jew fi trasferiment ta' ħaġa, il-prestazzjoni ma tistax tkun la vendita u lanqas permuta, imma tkun waħda minn dawk il-konvenzjonijiet li ma rċevewx isem speċjali fil-lingwaġġ tal-liġi, u li, appuntu għal din ir-raġuni, jissejħu kuntratti innominati;

Illi, appunto għaliex il-prestazzjoni ta' ħaġa għal ħaġa oħra, *minflok il-prezz, tiddistingwi l-permuta mill-vendita*, l-iskritturi jirraviżaw permuta f'konvenzjoni bħal dik fuq rikordata, fejn l-obligazzjoni mhix "di fare", u lanqas ma hi ħlas ta' flus, li d-destinazzjoni tagħhom hija preċiżament dik li sservi bħala prezz, imma hija dik li tiġi mogħtija ħaġa għal ħaġa oħra. U tabilħaqq, l-obligazzjoni assunta fil-każ preżenti hija dik li tingħata ħaġa biex tiġi akkwistata ħaġa oħra; u l-istess liġi tfisser il-kuntratt tat-tpartit bħala dak "li bih il-partijiet jobligaw ruħhom li jagħtu lil xulxin ħaġa *li ma tkunx flus" (art. 1567 (1) Kodiċi Ċivili)*; u mhux neċessarju illi l-permuta jkollha bħala oġġett ħwejjeġ determinati, għalkemm ċertament dina hija r-regola ġenerali, iżda wieħed mill-permutanti jista' jipprometti kwantità; f'liema każ, naturalment, il-proprjetà ma tiġix trasferita bl-effett biss tal-kuntratt, imma tgħaddi bid-determinazzjoni tal-ħaġa, li ordinarjament issir bil-konsenja, għaliex it-traslazzjoni immedjata tal-proprjetà mhix l-essenza tal-permuta; anzi t-tradizzjoni mhix neċessarja għall-perfezzjoni tal-permuta, kif kienet neċessarja *fid-Dritt Ruman, fejn kienet kuntratt* innominat; u dana tgħidu l-istess liġi fl-art. **1567(2)** : "It-

tpartit isir bil-kunsens biss bħal bejgħ". U l-kuntratt tal-permuta lanqas ma jonqos bl-apprezzament preventiv tal-ħwejjeġ permutati indikati fil-kuntratt. L-istess apprezzament preventiv ma jittrasformax f'vendita l-permuta;

Fil-każ preżenti, il-konvenut mar għand l-attur bil-ħsieb li jixtri minn għandu 24 siġġu; iżda fil-kors tat-trattattivi, fuq suġġeriment ta' l-attur, biddel il-ħsieb tiegħu, u stipula ma' l-attur kuntratt ta' permuta ta' 73 siġġu — li in segwitu ġew ridotti għal 70 — ma' kwantità ta' żrar jew ramel sal-valur li ġie mogħti lis-siġġijiet, bil-valur stabbilit għall-istess żrar u ramel, billi dawn il-kienu qegħdin jiġu mibjugħin lill-konvenut lill-attur bil-prezz ta' £2 għal kull truck ta' erbgħa piedi, kif xehed l-istess attur;

Illi għaldaqstant it-talba ta' l-attur għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas il-valur ta' l-istess siġġijiet bi flus ma tistax tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tvarja l-konklużjonijiet li għalihom waslet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tagħmel tagħha l-motivi li fuqhom dawk il-konklużjonijiet jinsabu bażati;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.